# Kunsill Lokali Isla

Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

Isla
Città Invicta


# Rapport Annwali

# Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2025

## Werrej

**1. Introduzzjon**
**2. Il-Kunsill ........ 3**
Il-Kunsill ........ 3
Organizzazzjoni ........ 5
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ........ 6

**3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali ........ 7**
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ........ 7
Xogħol u manuntenzjonijiet ........ 8
Attivitajiet edukattivi, kulturali u korsijiet ........ 7
Kultura Skambji u Proġetti ........ 8
Skema MDIA ........ 9
Jum L-Isla ........ 9
Skambju ta' Ġemelaġġ ........ 9
Edukazzjoni ........ 10
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv ........ 11
Skema Milied 2025 ........ 10
Sports ........ 11
Edukattiv ........ 12
L-Isem tal-Belt Senglea ........ 13
Toroq Ġodda fis-sena 2025 ........ 13
Parkeġġ ġewwa Boiler Wharf ........ 13
Konklużjoni ........ 14

Sinjuri residenti,

Matul l-2025, il-Kunsill Lokali tal-Isla kompla jsaħħaħ il-ħidma tiegħu favur il-komunità, ibbażat fuq il-pedamenti sodi tas-sena 2024. Minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-kunsill kompla jagħti prijorità lill-bżonnijiet tar-residenti, iżomm bilanċ tajjeb fil-baġit, u jkompli jinvesti fl-assi u fil-proġetti komunitarji permezz ta' skemi u fondi nazzjonali u Ewropej.

# 1. Il-Kunsill

## *Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b'popolazzjoni ta' madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera. L-Elezzjoni li għaddiet f' Ġunju 2024 ġew eletti għal-għaxar leġislatura, Sindku is-Sur Clive Pulis u Viċi-Sindku s-Sur Anthony Bonavia u tliet kunsilliera - is-Sinj. Joline Attard, is-Sur Malcolm Gatt u is-Sinj. Corinne Buhagiar .

Is-Sinj. Corinne Buhagiar tat ir-reżenja tagħha fix-xahar ta' Jannar 2025 u ġie elett is-Sur Keith Galea iżda fix-xahar ta' Ġunju 2025 is-Sur Keith Galea irreżenja u ġie elett is-Sur Mario Gauci bħala kunsillier.

Fis-sena 2025 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u l- iskrivani mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa, is-Sa. Dinah Agius u s-Sa. Adeil Delia. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Gellel tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Kunsill permezz li tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## *Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:

Segretarju Eżekuttiv
Graziella Gellel

Sindku
Clive Pulis

Skrivani
Rita Baldacchino
Sven Formosa
Dinah Agius
Adeil Delia

Viċi-Sindku
Anthony Bonavia

Kunsilliera
Joeline Attard

Kunsillier
Malcolm Gatt

Kunsilliera
Mario Gauci

Haddiema CWSEF
Sven Formosa
Dinah Agius
Adeil Delia

Nathan Bonello
Michael Azzopardi

Ivan Fava
Joseph Rizzo
Martin Vassallo
Denzel Mizzi

Kuntratturi

Cleansing Department
- Kenniesa

Jimmy Muscat :-
Bulky Refuse

Sven Formosa:-
Contracts Manager

Accounting and
Management Team Ltd :-
Accountant

## *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Assistant Principal Responsabbli mill- fatturi, prova ta' pagamenti, irċevuti fiskali u skeda ta' pagamenti, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Sven Formosa responsabli minn ġbir ta' kwotazzjonijiet u ħidma relatata mal-kuntratturi u rutina tal-uffiċċju. is-Sa. Adeil Delia responsabli għar-relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju u is-Sinj. Dinah Agius responsabli ta' posta, relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Christopher Portelli ħaddiem tal-Ex Enemalta huwa ix-xufier mal-kunsill Lokali tal-Isla fejn isuq il-van tal-kunsill għal bżonnijiet tar-residenti kemm dawk mediċi kif ukol soċjali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Is-Sur Martin Vassallo ħaddiem tal-Community Workers li ingħaqad mal-Kunsill tal-Isla f'Settembru 2024 fejn qed jieħu ħsieb l-indafa u l-ftuħ u l-għeluq tal-Gardjola.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Is-Sur Nathan Bonello - CMWS
- Is-Sur Sven Formosa -CMWS
- Ivan Fava – CMWS
- Michael Azzopardi -CMWS
- Is-Sur Joseph Rizzo – CMWS
- Is-Sa. Dinah Agius – CMWS
- Is-Sa. Adeil Delia – CMWS
- Is-Sur. Martin Vassallo – CMWS
- Is-Sur Denzel Mizzi -CMWS
- Is-Sur Christopher Portelli – ERL

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | Budget 2025 | Forecast **2025** | **Budget 2026** |
|---|---|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | €430,000 | €389,932 | € 416,688 |
| Minn Bye-Laws | €40,000 | € 25,070 | € 34,000 |
| Minn Dħul Ġenerali | €11,225 | € 10,518 | € 11,225 |
| Total ta' | **€481,225** | **€ 425,520** | **€461,913** |

| **Infieq** | **Budget 2025** | **Forecast 2025** | **Budget 2026** |
|---|---|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-s.s | € 95,406 | €106,559 | €103,264 |
| Spejjez ta' manuntenzjonijiet u servizzi | €250,980 | €213,368 | €250,380 |
| Spejjez ta' amm | € 86,014 | € 50,917 | € 79,519 |
| Spejjeż oħra | € 30,200 | € 14,353 | € 28,750 |
| | **€ 462,600** | **€385,198** | **€461,913** |

**Total ta'**

**Bilanċ ta' Surplus 2025** €40,323

Il-Baġit li kien ipjanat għas- sena 2025 kien ta' €18,625

| | |
|---|---|
| Deprezzament tal-Assi Kapitali Total fis-sena 2025 | € 64,323 |
| Fl- 1 ta Jan 2026 qed inbassru li jkollna deprezzament ta' | €114,423 |
| Budget għad-deprezzament sal-31 ta Dic 2026 | €160,673 |

## *Xogħol u manuntenzjonijiet*

### Xogħol

Matul l-2025, il-Kunsill Lokali kompla jsaħħaħ il-livell ta' tindif u manutenzjoni fl-Isla. Permezz ta' kollaborazzjoni mal-Cleansing Department, il-Kunsill benefika minn aktar servizzi ta' tindif, kif ukoll ħasil regolari tat-toroq u l-bankini. Saru wkoll interventi fil-letrini pubbliċi li inkludew nefqa fuq apparat awtomatiku, manutenzjoni, tisbieħ kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra, u installazzjoni ta' CCTV fil-letrina tal-Ponta.

Il-ħaddiema tal-Kunsill – is-Sur Ivan Fava flimkien mas-Sur Joseph Rizzo – wettqu xogħol ta' żebgħa tas-sinjali fit-toroq. Is-Sur Nathan Bonello u s-Sur Michael Azzopardi jieħdu ħsieb it-tindif tal-weraq fi Triq is-Sur kif ukoll it-tindif tal-letrini tax-xatt u tal-Ponta. Is-Sur Martin Vassallo jieħu ħsieb Ġnien il-Gardjola u l-letrina tal-istess ġnien.

Fuq Ġnien il-Gardjola, il-Kunsill ħareġ tender għal kuntrattur sabiex isir tisbiħ ulterjuri li jinkludi żieda ta' pjanti indiġini, manutenzjoni tas-sistema tal-irrigation u tindif tal-ħaxix ħażin. Il-Kunsill applika wkoll għal skema mal-Public Works sabiex isir restawr tal-pavimentar fi Ġnien il-Gardjola.

Barra minn hekk, il-ħaddiema tar-Reġjun, li jiġu assenjati lill-Kunsill għal xahrejn fis-sena, wettqu xogħol relatat mal-ħadid ( poġġaman ) kif ukoll tindif u manutenzjoni tal-bankini.

IFiż-Żmien li ġej l-ħaddiema tal-MTA ser jibdew xogħolijiet fuq in-niċċa tad-Duluri li tinsab fil-kantuniera bejn Triq il-Ponta u Triq San Franġisk. Barra minn hekk, saru U-bars fil-Ponta u poġġamani mal-ispazju fejn tinsab is-slipway tal-open gym. Saru wkoll ħadid fi Triq l-Oratorju.

Zid ukoll ta day centre li bdena b ġurnata wahda u wara ftit xhur bdew jintaqu darbtejn fil gimgħa

### Attivitajiet edukattivi, kulturali u korsijiet

Matul is-sena 2025, il-Kunsill Lokali tal-Isla kien impenjat f'numru ta' attivitajiet u korsijiet maħsuba biex jippromwovu kultura, edukazzjoni, saħħa u benesseri fost ir-residenti kollha. Il-proġett **Active Aging** inkluda żjarat f'postijiet storiċi bħall-Mużew Marrittimu, il-Palazz tal-President, l-Imdina u r-Rabat, li taw opportunità lill-parteċipanti jitgħallmu aktar dwar il-wirt storiku u kulturali tal-pajjiż. L-attivitajiet għall-anzjani bdew b'darba fil-imgħa kull nhar ta' Tnejn u issa żdiedet għal-ġurnata oħra nhar ta' Ħamis ukoll għalhekk wara ftit xhur bdew jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa.

Il-Forti San Mikiel ġie inawgurat f'Jum l-Isla u minn Mejju bdew jintużaw regolarment għal attività kulturali u laqgħat komunitarji. Fil-1 ta' Novembru, l-avveniment **Minn Pjazza għall-Pjazza** ġab flimkien residenti u turisti għal wirjiet ta' ritratti storiċi, viżwal tax-xelters minn fuq VR's u xogħol tal-idejn, filwaqt li f'Awissu, l-inizjattiva **Leħen il-Gardjola** offriet kantanti lokali f'ambjent familjari u pjaċevoli.
Il-Kunsill offra korsijiet ta' **First Aid** u **Mental Health First Aid** għall-ħaddiema, filwaqt li l-**Crafts Group** kompla jaħdem fuq oġġetti b'crochet li jintbagħtu barra minn Malta biex jippromwovu l-kultura Maltija. Workshops ta' arti għat-tfal u l-adulti, taħt it-tutorija tas-Sur Mario Mizzi, ħallew lit-tfal joħolqu mudelli ta' galleriji Maltin.

Saħħa u benesseri kienu wkoll fil-qalba tal-programm, permezz ta' sessions ta' **Zumba** ma' Maroushka Falletta u **Yoga** ma' Jo Moss. Is-sena intemm b'attivitajiet għall-familja kollha, inkluż ikla fin-Nigret Night Club, festin għall-anzjani u għat-tfal, kif ukoll il-kampanja annwali **Rigal b'Imħabba** ta' Dr Lydia Abela, li tibqa' tradizzjoni sinifikanti għall-komunità.

**Kultura Skambji u Proġetti**

Ġemellaġġ u Kollaborazzjonijiet Barranin

Matul is-sena, il-Kunsill Lokali tal-Isla kompla jsaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali tiegħu permezz ta' diversi inizzjattivi u proġetti kulturali. Il-kollaborazzjoni ma' bliet Taljani, fosthom Santa Croce Camerina, kompliet b'mod attiv, u bħalissa qed tiġi ppreparata applikazzjoni mal-EU taħt il-programm Interreg bejn Malta u Sqallija, li se tinkludi l-Belt Valletta, l-ibliet tal-kottonera, il-Kalkara u Caltagirone.

Barra minn hekk, il-Kunsill kompla jipparteċipa f'ideat għal proġetti kulturali mal-Rumanija fi Craiova, b'mod partikolari taħt programmi tal-Erasmus ma NGO ta' librara. Il-Kunsill kompla wkoll jipparteċipa fil-programm CERV, li jiffoka fuq id-drittijiet u l-valuri universali. Matul is-sena, il-Kunsill ospita u kollabora ma' diversi gruppi tal-Erasmus+ fuq temi edukattivi bħall-Facing Diversity and Inclusion, u ser ikun involut f'proġetti relatati ma' Dementia fl-Ewropa.

**Skema MDIA**

Wara inċident li sar il-Kuntratt għall-iskema ta' Smart Road Technology għadu għaddej bix-xogħol u kif il-Kunsill ikollu konferma mill-enġinier li x-xogħol huwa u l-bollards jaħdmu tajjeb u kif suppost il-pjan hu li jibqa' kif kien li fi tmiem il-ġimgħa ix-xatt tal-Isla jiġi pedonali fix-xhur tas-Sajf.

**Jum L-Isla**

**Premju Ġieħ l-Isla 2025 ingħata lil- Professur Paul Pace**

Il-Professur Paul Pace huwa figura prominenti fil-qasam tal-Edukazzjoni Ambjentali (EE) u fl-Edukazzjoni għal-iżvilupp Sostenibbli (ESD) f'Malta. Huwa ddedika ħajtu jaħdem qatigħ u jistinka għall-futur aktar sostenibbli. Huwa twieled l-Isla, u jgħix kemm il-Ħamrun kif ukoll H'Attard.
Il-Professur Paul Pace huwa lettur distint fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta fejn ilu jservi għal aktar minn tletin sena. Il-ħolma tiegħu li jintroduċi edukazzjoni ambjentali fil-qalba tal-istituzzjonijiet edukattivi li saret realtà bil-kollaborazzjoni tal-NGO Nature Trust — FEE Malta, fejn fl-2002 nieda din it-trasformazzjoni permezz tal-programm **Eco Schools** f'Malta. Dan il-programm, magħruf aħjar bħala **EkoSkola**, jgħin biex iħeġġeġ lit-tfal jieħdu sehem attiv biex iħarsu u jipproteġu l-ambjent madwarhom fil-komunità, kif ukoll fl-iskejjel tagħhom.

**Skambju ta' Ġemelaġġ**

Is-Segretarju Eżekuttiv wettaq kuntatti ma' diversi lokalitajiet barranin, inkluż il-Lithuania - Sakai u s-Slovenja, bħala parti mill-istrateġija tal-Kunsill biex jespandi l-kooperazzjoni internazzjonali. Dan il-proċess għandu l-għan li jikkunsidra l-possibbiltà li l-Kunsill jingħaqad ma' dawn il-lokalitajiet bħala ġemelaġġ, b'enfasi fuq skambji kulturali, edukattivi u proġetti komuni li jippromwovu kultura, edukazzjoni u valuri Ewropej. Il-kooperazzjoni internazzjonali tkompli tgħin biex il-Kunsill jikseb esperjenza ġdida fil-ġestjoni ta' proġetti kulturali, edukattivi u ambjentali, filwaqt li tipprovdi opportunitajiet għal residenti u t-tfal biex jieħdu sehem f'inizjattivi ta' skambju u edukazzjoni aktar wiesa'.

**Edukazzjoni**

**Erasmus +**

Bħal kull sena il-kunsill lokali tal-isla jospita grupp ta' edukaturi mill-Ewropa fejn jiltaqgħu ġewwa s-sala tal-kunsill tal-Isla għal-ġimgħa sħiħa fejn jiddiskutu l-edukazzjoni f'pajjiżhom. Din id-darba dan il-grupp iltaqa' darbtejn f' Ottubru u f' Novembru 2025 fejn it-tema tas-suġġett kien Non Formal Learning – The Golden Door for an Innovative Future fejn ġie diskuss ix-xogħol ta' librara bejn l-Ewropa u dan il-grupp żar il-librerija tal-Isla, il-librerija Ċentrali u l-librerija Nazzjonali.

**Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv**

**Saħħa**

Matul is-sena qed jiġu organizzati sezzjonijiet għall-anzjani attivi kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis fid-9:00am il-quddiem. F'dawn is-sezzjonijiet, qed jiġu diskussi suġġetti relatati mas-saħħa u l-benesseri tal-anzjani, inkluż il-kura tas-saqajn, il-kura tal-għajnejn, id-dijabete u materji oħra rilevanti. Dawn is-sezzjonijiet isiru permezz tas-servizz tal-anzjani fis-sala tal-Forti San Mikiel.

**Soċjali – Attivitajiet – Ħarġiet**

Il-Kunsill lokali organizza wirja fis-sala tal-kunsill għaż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Xogħolijiet maħduma minn diversi artisti fosthom Salvu Bonello, Alfred Magri, John Massa, Pawlu Muscat u Jeffrey Zarb. Għal ftuħ tal-Wirja attendiet għalija l-Onor. Segretarju Parlamentari is-Sinj. Alison Zerafa Civelli.

Fi żmien il-Għid il-Kunsill flimkien mal-grupp tal-crafts inawgura salib tal-Ġimgħa l-Kbira bajda tal-Għid u qasmu figolla kbira bl-arma tal-kunsill tal-Isla fi Pjazza 4 ta' Settembru flimkien mar-residenti u l-grupp ta' nisa li ħadmu bi ħġarhom matul is-sena biex dan il-proġett issir realta permezz il-volontarjat ta' dawn in-nisa fejn ħadmu mijiet ta' ċangaturi tas-suf bil-ġanċ sabiex għamlu bajda tal-Għid mill-isbaħ, b'kuluri tar-rebbiegħa.

Matul is-sena saru diversi ħarġiet u xi ġranet fejn il-pool fil-ġranet qliel tas-sajf.

**Skema Milied 2025**

Il-kunsill ħabbar li ser issiru attivitajiet għal-żmien il-Milied.

Id-dawl tal-Milied ser jinxtgħel mis-6 ta' Diċembru 2025 sas-6 ta' Jannar 2025 fejn ser issir attivita mill-iskema tal-Gvern Lokali bit-tema ta' Senglea Christmas Fun Fair,

b'diversi kantanti , logħob u żfin u l-banda lokali ma tonqosx għal żmien il-Milied. Għar-raba' sena konsekuttiva intramat is-siġra tal-Milied magħmula bil-ganċ mill-grupp tal-crafts.

Fid-18 ta' Diċembru 2025 ser issi ħarġa għal-familja kollha fin-Nigret Night Club
Fl-20 ta' Diċembru 2025 ser issir festin għall-anzjani fi sede azzjoni kattolika.
Fil-21 ta' Diċembru 2025 ser issir festin għat-tfal.

**Sports**

**Klassijiet ta' Zumba**
Għas-sena 2025 baqgħu isiru klassijiet ta' Zumba mmexxija mill-istruttriċi **Maroushka Falletta**. Is-sessjonijiet qed isiru fl-iskola primarja tal-Isla kull nhar ta' Tnejn fis-7:00 pm u qed igawdu parteċipazzjoni tajba mir-residenti. Fis-sajf dan l-isports issir fuq il-Forti San Mikiel.

Il-grawnd tal-futbol huwa disponibbli għall-użu bla ħlas. L-użu tal-grawnd huwa suġġett għall-ibbukkjar minn qabel u għall-ġbir taċ-ċavetta mill-Kunsill Lokali. Iċ-ċavetta tingħata biss lil persuna adulta ta' tmintax-il sena (18+) jew aktar, li tkun legalment responsabbli mill-użu tal-grawnd u minn kull persuna li tkun qed tużah matul il-perjodu bbukkjat.

L-użu tal-grawnd fi tmiem il-ġimgħa huwa riżervat esklussivament għas-Salesjani.

**Sessjonijiet ta' Yoga**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla qed jorganizza sessjonijiet ta' yoga fis-sala tal-kunsill. Dawn is-sessjonijiet qed isiru kif ġej:

- Kull nhar ta' Ħamis fis-5:45 pm
- Kull nhar ta' Tlieta fid-9:00 am

L-attendenza għall-attività għadha għaddejja u qed tattira numru kostanti ta' parteċipanti.
**Korsijiet tal-Għawm – Cottonera Sports Complex**
Ir-residenti Sengleani anzjani ġew informat li jistgħu japplikaw għall-korsijiet tal-għawm li se jibdew isiru minn Ottubru 2025 ġewwa l-**Cottonera Sports Complex**. Il-korsijiet se jsiru kull nhar ta' Ġimgħa bejn id-9:45 am u l-11:15am.

**Edukattiv**

**Ftehim ta' Kollaborazzjoni (MoU) – Inizjattivi E-Skills**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla kien iffirma Memorandum of Understanding (MoU) mal-kunsilli lokali tal-Birgu, Bormla u l-Kalkara, flimkien mal-Fondazzjoni eSkills Malta Foundation, bil-għan li jiġu estiżi s-sessjonijiet relatati mal-E-Skills fil-lokalità tal-Isla.

Matul ix-xhur li għaddew, dawn is-sessjonijiet kienu ta' suċċess għall-istudenti tal-iskola Primarja tal-Isla kif ukoll għan-nanniet tagħhom, li b'dan il-mod ġew inklużi b'mod attiv fid-dinja diġitali kontemporanja. Barra minn hekk, ittellgħet ukoll sezzjoni ta' Coding and Robotics ġewwa l-iskola primarja bħala parti mill-istess programm edukattiv.

Saret laqgħa ġewwa l-iskola, li għaliha attendew rappreżentanti tal-iskola kif ukoll ta' Heritage Malta, bil-għan li tiġi diskussa u ppjanata l-organizzazzjoni ta' wirja fis-sala tal-iskola. Il-wirja proposta tkun tematikament marbuta mal-istorja, il-wirt kulturali u l-identità ta' Malta.

Matul il-laqgħa ġew diskussi l-kontenut tal-wirja, il-loġistika meħtieġa, l-użu tas-sala tal-iskola, kif ukoll il-kollaborazzjoni bejn il-partijiet involuti sabiex l-inizjattiva titwettaq b'mod professjonali u edukattiv. Il-partijiet qablu li jkomplu l-koordinazzjoni bejniethom sabiex jiġu definiti d-dettalji finali u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-wirja.

**Inizjattivi relatati mal-Qari u l-Librerija**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla qed ikompli jħeġġeġ kemm lit-tfal kif ukoll lill-adulti biex iżidu l-ammont ta' qari tagħhom u jżuru aktar il-librerija lokali. Il-librerija tipprovdi s-servizz kemm għall-istudju kif ukoll biex tiġi promossa l-kultura tal-qari bħala passatemp.
Il-librerija torganizza wkoll diversi attivitajiet ta' ħidma manwali (crafts) fuq okkażjonijiet speċjali bħal Halloween, il-Milied u Jum l-Isla. Għaldaqstant, il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex isegwu l-paġna uffiċjali tal-Facebook tal-Kunsill Lokali tal-Isla sabiex jibqgħu aġġornati dwar dawn l-attivitajiet u inizjattivi kulturali.

## L-Isem tal-Belt Senglea

Għaddej x-xogħol fuq il-preparazzjoni ta' fuljett informattiv dwar l-isem tal-belt ta' Senglea. Il-fuljett se jitqassam bieb b'bieb fost ir-residenti, bil-għan li jinġabru l-fehmiet, il-proposti u l-feedback tagħhom dwar l-isem tal-belt. Din l-inizjattiva hija maħsuba biex tappoġġja parteċipazzjoni attiva tar-residenti u tiżgura li l-opinjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' ġestjoni u valorizzazzjoni tal-identità tal-belt.

## Toroq Ġodda fis-sena 2025

Is-sena li għaddiet tlestew toroq ġodda, f'kooperazzjoni ma' Infrastructure Malta, inklużi Triq l-Oratorju u Triq il-Maċina.

## Parkeġġ ġewwa Boiler Wharf

Il-Kunsill Lokali fl-2022 beda diskussjonijiet ma' Transport Malta biex jiġi garantiti aċċess għall-parkeġġ f'Boiler Wharf għall-residenti tal-Isla. Din id-deċiżjoni hija dokumentata fil-Minuta 45.03.06.
Fil-5 ta' Novembru 2025, ġie inawgurat il-parkeġġ ta' Boiler Wharf, li issa huwa disponibbli għall-użu mill-pubbliku matul il-ħinijiet mill-06:00 sas-18:00.

## Konklużjoni

Is-sena **2025** kienet waħda impenjattiva iżda ta' sodisfazzjon fir-rigward tax-xogħol li twettaq mill-Kunsill Lokali tal-Isla. Minkejja l-isfidi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi — speċjalment minħabba l-ħsarat maġġuri fil-binja tal-uffiċini tal-kunsill — il-Kunsill xorta rnexxielu jikseb diversi fondi permezz ta' skemi differenti, kif imniżżla f'dan ir-rapport.
Il-Kunsill kien prudenti u effiċjenti matul il-leġiżlatura li għaddiet, u għalhekk kif kien ippjanat fis-sena 2025 il-Kunsill Lokali investa f'**garaxx ġdid** bil-għan li jżid l-assi u r-riżorsi tal-kunsill.

Il-Kunsill Lokali ħadem bis-sħiħ sabiex ikollu devolut lil kunsill Lokali l-imħażen ta' taħt il-Forti San Mikiel biex b'hekk il-Forti San Mikiel flimkien mas-sala u l-imħażen ta mal-Forti jkunu devoluti lil Kunsill Lokali tal-Isla.

Il-Kunsill jemmen li mexxa bl-aħjar mod possibbli sabiex wettaq il-ħidma tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti. Nittamaw li s-sena 2026 tkun waħda aktar pożittiva u li nkomplu nibnu fuq dak li diġà ssaħħaħ sabiex inħarsu 'l quddiem lejn snin ta' titjib kontinwu.

Infakkru wkoll li kull min għandu aċċess għall-internet jista' jsegwi **l-laqgħat tal-kunsill onlajn** permezz tal-website uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Isla. Barra minn hekk, inħeġġu lir-residenti jsegwu l-**paġna tal-Facebook** tal-kunsill sabiex jibqgħu infurmati dwar l-attivitajiet u l-avviżi li jkunu qed isiru.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill jirringrazzja mill-qalb lil kull min ta' sehemhu, b'mod dirett jew indirett, biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalità.

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv